MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 105/2019/1

**Carol Muscat (K.I. 5467M) u Diane Muscat (K.I. 146568M)**
*(l-appellanti)*

***vs.***

**L-Awtorità tad-Djar**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Carol Muscat** (K.I. 5467M) u **Diane Muscat** (K.I. 146568M), hawnhekk "l-appellanti", mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fit-28 ta' Frar, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz

tagħha t-Tribunal iddeċieda illi jilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimata **Awtorità tad-Djar**, hawnhekk "l-appellata", bl-ispejjeż tal-kawża kontra r-rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti ppreżentaw rikors kontra l-Awtorità intimata, wara li fl-20 ta' Awwissu, 2019, din bagħtitilhom ittra uffiċjali 3149/19, li permezz tagħha interpellathom jiżgumbraw minn arja u kamra li tiġi fuq il-bejt tal-blokka bini bin-numru 1, fi Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta. Ir-rikorrenti ġew infurmati li huma setgħu jikkontestaw din l-Ordni ta' Żgumbrament fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilhom ta' din l-ittra, permezz ta' rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Jirriżulta li din l-Ordni ta' Żgumbrament ma ġietx ikkontestata qabel ma skada t-terminu, għaliex skont ir-rikorrenti, in-notifika tal-ittra 3149/19 ma saritx skont kif jipprovdi l-artikolu 187 tal-Kap. 12, u din kienet inġabret mill-Posta minn omm ir-rikorrenta, Pauline Montanaro. Ir-rikorrenti spjegaw li fis-7 ta' Frar, 1992, huma kienu ffirmaw konvenju mal-Awtorità intimata għax-xiri tal-appartament bin-numru sittax (16) fir-raba' sular ta' blokka appartamenti tal-Gvern, indikata bin-numru wieħed (1), fi Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta. Permezz ta' dan il-konvenju, ir-rikorrenti kienu obbligaw irwieħhom li jixtru dan l-appartament flimkien ma' sehem indiviż mill-partijiet komuni tal-blokka bini li jinkludu l-bejt. Huma jgħidu li l-kuntratt

tal-akkwist kellu jiġi ppubblikat wara li l-Awtorità intimata takkwista l-art li fuqha tinsab mibni l-blokk inkwistjoni, u l-kuntratt tal-akkwist baqa' ma sarx għax l-Awtorità intimata għadha ma akkwistatx l-art inkwistjoni. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li huma kienu applikaw u fit-13 ta' Awwissu, 2015 kisbu permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' *washroom* fuq il-bejt tal-imsemmi blokk bini. Ir-rikorrenti jgħidu li l-Awtorità intimata mhijiex il-proprjetarja tal-art li fuqha huwa mibni l-fond tagħhom u għalhekk ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 573 fil-konfront tagħhom, kif ukoll li l-ittra uffiċjali numru 3149/19 hija nulla sa fejn din qiegħda titlob li huma mhux biss jiżgumbraw mill-fond, iżda wkoll iħottu l-istruttura mibnija minnhom. Jgħidu wkoll li huma ma naqsux mill-obbligi tagħhom bħala pussessuri tal-fond, u li huma kien ser ikollhom dritt għall-parti tal-bejt fejn bnew il-*washroom* tagħhom, wara li jiġi ffirmat il-kuntratt ta' akkwist mal-Awtorità intimata.

3. Min-naħa tagħha l-Awtorità intimata tgħid li r-rikors tar-rikorrenti huwa irritu u null stante li ġie ppreżentat minnhom wara li kienu għaddew għoxrin (20) ġurnata min-notifika lilhom tal-ittra uffiċjali numru 3149/19, li ġiet notifikata fl-4 ta' Settembru, 2019. Jirriżulta li r-rikorrenti ppreżentaw ir-rikors tagħhom quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fil-25 ta' Ottubru, 2019. L-Awtorità intimata żiedet tgħid li in vista tan-nuqqas ta' oppożizzjoni tar-rikorrenti għat-talba sabiex huma jiżgumbraw mill-*washroom* mibnija minnhom, it-Tribunal la għandu kompetenza u lanqas għandu jieħu konjizzjoni

tar-rikors odjern, u lanqas m'għandu l-awtorità jħassar, jirrevoka u jikkanċella din l-ordni ta' żgumbrament, li għalhekk għandha titqies li hija eżekuttiva.

**<u>Mertu</u>**

4. Ir-rikorrenti istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fejn qegħdin jikkontestaw l-Ordni ta' Żgumbrament mibgħuta lilhom mill-intimata. In vista tal-fatt li dan ir-rikors ma ġiex ippreżentat entro t-terminu perentorju ta' għoxrin (20) ġurnata min-notifika lilhom tal-ittra uffiċjali, l-Awtorità intimata qiegħda tinsisti li hija għandha titolu eżekuttiv u li r-rikorrenti għandhom jivvakaw il-kamra mibnija minnhom.

5. It-Tribunal sema' kif fuq il-bejt tal-blokk inkwistjoni hemm erbatax-il kamra mibnija, u kif l-Awtorità intimata nediet proċeduri ta' żgumbrament *ai termini* tal-Kap. 573 fejn talbet lir-residenti jivvakaw u jiżgumbraw minn dawn il-kmamar. L-Awtorità intimata spjegat li bl-iffirmar tal-konvenji mar-residenti, fosthom mar-rikorrenti, hija kienet qablet mat-trasferiment tal-appartamenti imma mhux tal-arja ukoll, u r-residenti tal-blokka kellu jkollhom sehem indiviż mill-partijiet komuni tal-blokka, filwaqt li l-bejt kellu jkun limitat għall-użu tat-tank tal-ilma, l-*aerial* tat-televiżjoni, u t-twaħħil ta' ħbula għall-inxir. L-Awtorità intimata spjegat li kienet hi stess li offriet li twaqqa' dawn il-kmamar, u hija ma kinitx tat l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dawn il-kmamar jiġu mibnija.

It-Tribunal sema' wkoll lil Etienne Scicluna, uffiċjal tal-Qorti jixhed dwar meta saret in-notifika tal-ittra uffiċjali lir-rikorrenti.

Fix-xhieda tagħha r-rikorrenta Diane Muscat qalet li hija kienet sabet avviż tal-Posta sabiex tmur tiġbor oġġett mill-uffiċċju postali, u hija kienet għaddiet dan l-avviż lil ommha sabiex tmur tiġbor l-ittra reġistrata hi, għaliex ħasbet li dan kien xi oġġett li xtrat *online.* Qalet li wara xi żmien hija rċeviet l-Ordni ta' Żgumbrament mingħand l-Awtorità intimata, u kien f'dan iż-żmien li hija ddeċidiet li tkellem avukat sabiex tħares l-interessi tagħha. Anki omm ir-rikorrenta tat ix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, fejn ikkonfermat li kienet hi li ġabret l-ittra uffiċjali mill-Posta u minflok ma għaddietha lil bintha sabiex din tara x'inhi, kienet żammitha għandha.

Il-punt kontenzjuż bejn il-partijiet u li wassal għall-appell odjern, kien dwar jekk ir-rikorrenti ġewx debitament notifikati bl-ittra uffiċjali *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 187 tal-Kap. 12. L-Awtorità intimata ħadet il-pożizzjoni li ladarba d-dispost tal-liġi jgħid li n-notifika hija valida anki meta att ġudizzjarju jitħalla f'idejn membru tal-familja tal-persuna li tkun trid tiġi notifikata, f'dan il-każ għandu jitqies li n-notifika saret b'mod regolari, u li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn il-proċedura stabbilita ma tiġix osservata. Qalet ukoll li f'dan il-każ Pauline Montanaro aġixxiet bħala prokuratriċi tar-rikorrenti, u għalhekk din kienet awtorizzata taċċetta n-notifika ssir fejn issir.

Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti wieġbu li l-persuna awtorizzata biex tirċievi l-posta ma tistax tkun persuna li tgħix f'indirizz differenti jew tkun f'indirizz differenti meta ssir in-notifika. L-appell odjern huwa msejjes fuq dan il-punt kontenzjuż li qam bejn il-partijiet fil-proċeduri, wara li t-Tribunal ta deċiżjoni fejn laqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.

## Is-Sentenza Appellata

6. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar. 2020, it-Tribunal laqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Diane Muscat** xehdet illi hija tabita fi Blokk 1, Flat 16, Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta, filwaqt li ommha, Pauline Montanaro, toqgħod fl-istess blokk imma f'appartament numru 13. Tgħid illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni fejn hi u żewġha ġew interpellati jneħħu l-kamra ta' fuq il-bejt qatt ma waslet għandhom. Hija tispjega li ġġib ħafna affarijiet* online *u li tmur ommha tiġborhomlha. Tispjega li hija rċeviet avviż tal-Posta biex tiġbor xi ħaġa mill-Posta u hi ħasbet li kienet xi ittra normali ta' xi ħaġa li xtrat* online. *Għalhekk tatha lil ommha biex tmur tiġborha. Tispjega li hi kienet dieħla għal operazzjoni u l-ittra baqgħet għand ommha. Sussegwentement, irċevew ittra oħra biex jiżgumbraw u kien hemmhekk li staqsiet lil ommha jekk kellhiex xi ittra li ma kinitx tathielha u fil-fatt sabuha mal-karti li kellha ommha.*

***Pauline Montanaro** xehdet illi bintha kienet talbitha biex tiġbrilha l-posta mill-uffiċċju postali. Fil-fatt hi hekk għamlet però stqarret li nsiet tgħaddilha l-istess ittra. Stqarret illi bintha marret għall-ittra bejn wieħed u ieħor xi ħmistax-il ġurnata wara li kienet ġabithielha.*

*Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġew esebiti kopja tal-*pink cards *li minnhom jirriżulta illi fl-4 ta' Settembru 2019 kienet proprju Pauline Montanaro li ġabret l-ittri uffiċjali in kwistjoni mill-Posta, kemm dik ta' Carol Muscat u kif ukoll ta' Diane Muscat.*

*Illi r-rikorrenti jargumentaw illi n-notifika ta' tali att hija waħda nulla stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iċ-ċitat artikolu jgħid is-segwenti:*

***"187 (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew fejn taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn il-membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha ...".***

*Ir-rikorrenti jisħqu li la l-ittra uffiċjali ma tqassmitx personalment lill-persuna li kellha tiġi notifikata, allura din in-notifika setgħet biss issir fir-residenza tagħha jew fuq il-post tax-xogħol f'idejn persuna msemmija fl-istess artikolu.*

*Min-naħa l-oħra l-Awtorità intimata tisħaq li dan huwa biss tiġbid tal-argument u li semmai in-notifika hija valida għaliex omm ir-rikorrenti Diane Muscat, u ċioe Pauline Montanaro, ġiet awtorizzata minn bintha biex tiġbor l-istess ittra.*

*Illi t-Tribunal josserva li f'dan il-każ għandha tapplika l-ewwel parti tal-artikolu 187(1) u ċioe li n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li għandha tiġi notifikata f'kull post fejn dik il-persuna tista' tinstab. Huwa veru li l-Uffiċċju tal-Posta marret Pauline Montanaro, però hija kellha awtorizzazzjoni mingħand ir-rikorrenti Muscat biex tagħmel dan u dan billi l-istess rikorrenti taw l-avviż li rċevew biex jirtiraw il-posta lill-istess Montanaro. It-Tribunal ħa kont tal-argument imressaq mid-difensur tar-rikorrenti illi jekk semmai kien hemm xi awtorizzazzjoni da parti ta' Diane Muscat, ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni da parti ta' Carol Muscat. Apparti l-fatt li Carol Muscat ma xehedx f'dawn il-proċeduri, biex l-uffiċjali tal-Posta jirrilaxxaw kemm il-posta indirizzata lil Diane Muscat u kif ukoll lil Carol Muscat, kien tassattiv li hija tippreżenta l-avviżi li rċevew it-tnejn li huma. Illi siccome l-posta kienet indirizzata fl-indirizz tal-konjugi Muscat, l-avviż rispettiv biex tinġabar il-Posta mill-Fergħa tal-Posta tħalla fl-indirizz tal-konjugi Muscat. Kwindi ma setax kien ħaddieħor ħliefhom li taw l-istess avviżi lil Montanaro*

*biex tmur tiġbrilhom il-posta. Però, iktar minn hekk, biex l-ufficjal tal-Posta irrilaxxa l-post indirizzata kemm lil Carol Muscat u kif ukoll lil Diane Muscat huwa kellu bżonn prova tal-Karta tal-Identità tal-persuni li isimhom kien jidher fuq l-avviżi. Illi din il-karta tal-identità allura bilfors kienet ingħatat miż-żewġ rikorrenti lil Pauline Montanaro biex setgħet tiġbor l-ittri reġistrati. Kwindi fil-fehma tat-Tribunal kien hemm awtorizzazzjoni da parti tal-konjugi Muscat biex Pauline Montanaro tiġbor l-ittri in kwistjoni għan-nom tagħhom.*

*Illi dan it-Tribunal josserva illi għalkemm Diane Muscat tgħid li tirċievi ħafna avviżi biex tmur tiġbor mill-Posta oġġetti li tixtri* online*, isibha ferm diffiċli li nsiet tistaqsi lil ommha dwar x'ġabret mill-Posta meta kemm hi u kemm ir-raġel tagħha, fl-istess ġurnata rċevew avviż biex jiġbru żewġ oġġetti separati. Huwa wkoll inverosimili li meta Pauline Montanaro ġabret żewġ* envelopes *mill-uffiċċju tal-Posta, u li skont Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12 kellhom fuqhom ittimbrat "Att Ġudizzjarju", u allura kienu żewġ* envelopes *identiċi ħlief għal isem id-destinatarju, din ħalliethom għandha u nsiet tatihom lill-konjugi Muscat. Però, anke jekk għall-grazzja tal-argument, Pauline Montanaro nsiet tgħaddi l-posta lir-rikorrenti, kien jinkombi fuqhom jieħdu interess u jaraw x'kienu rċevew.*

*Għaldaqstant it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ġew notifikati bl-ittra uffiċjali fl-4 ta' Settembru 2019 u kwindi kellhom terminu perentorju ta' għoxrin ġurnata entro liema kellhom joġġezzjonaw għal dak rikjest minnhom fl-istess ittra u kwindi t-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jaġixxi kif intalab fir-rikors promutur la darba l-Awtorità intimata ottjeniet titolu eżekuttiv fil-konfront tagħhom.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

**L-Appell**

7. L-appellanti ppreżentaw l-appell tagħhom mid-deċiżjoni tat-Tribunal fil-11 ta' Marzu, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva datata 28 ta' Frar 2020 fejn it-Tribunal laqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità appellata u konsegwentement tiċħad l-istess żewġ eċċezzjonijiet u tirrimanda l-atti lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u dan sabiex jinstema' l-każ fil-mertu u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

8. L-appellanti jgħidu li ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni appellata fejn gew milqugħa l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, għaliex is-sentenza appellata naqset li tqis b'mod approfondit dak li jemerġi mill-artikolu 187 tal-Kap. 12, u peress li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li f'dan il-każ kien hemm notifika diretta, jew notifika li ssir bil-kunsinna tal-att direttament f'id il-persuna li tirċievi l-att. L-appellanti jagħmlu riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn issir distinzjoni bejn notifika li ssir direttament lid-destinatarju, u notifika indiretta permezz ta' persuni speċifiċi indikati. L-appellanti jgħidu li mill-provi kellu jirriżulta li huma ma ġewx notifikati personalment bl-ittra uffiċjali, u kellu jirriżulta li huma lanqas biss jgħixu fl-istess indirizz fejn tgħix omm l-appellanta, Pauline Montanaro. Jgħidu li meta l-appellanta talbet lil ommha tmur tiġbrilha l-ittra, din tal-aħħar naqset li tgħaddi l-ittra lil bintha fil-ħin biex l-appellanti setgħu jintavolaw ir-rikors tagħhom entro t-terminu stabbilit mil-liġi, u għalhekk in vista ta' dawn iċ-

ċirkostanzi, ma jistax jintqal li l-appellanti ġew notifikati b'mod validu peress li l-att ġudizzjarju ma tħalliex fil-lok fejn dawn jaħdmu jew joqogħdu. Lanqas ma jista' jintqal li f'dan il-każ kien hemm notifika diretta mill-uffiċjal tal-Qorti, f'idejn l-appellanti. L-appellanti jgħidu li bid-deċiżjoni tat-Tribunal, inħoloq mod ġdid u illegali kif tiġi aċċettata notifika. L-appellanti jgħidu wkoll li anki f'każ li jirriżulta li r-rikorrenta Diane Muscat tat mandat lil ommha tirtira f'isimha l-ittra mill-Posta, mill-provi ma jirriżultax li r-rikorrent Carol Muscat ta l-istess mandat lil Pauline Montanaro, li tiġi omm il-mara tiegħu.

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li minkejja li t-Tribunal qal li kien qiegħed jilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imressqa mill-Awtorità intimata, mill-provi għandu jirriżulta li t-Tribunal naqas li jikkonsidra t-tieni eċċezzjoni b'mod sħiħ, u wara li laqa' l-ewwel eċċezzjoni bħal donnu injora t-tieni eċċezzjoni mogħtija mill-Awtorità intimata. L-appellanti jgħidu li mis-sentenza appellata, ma jirriżultax li kien hemm xi motivazzjoni li għandha twassal għall-akkoljiment ta' din l-eċċezzjoni, u minkejja li t-Tribunal stabbilixxa li kien qiegħed jilqa' din l-eċċezzjoni, dan naqas effettivament milli jikkunsidraha.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

9. Fir-risposta tal-appell tagħha l-Awtorità intimata sostniet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata *in toto* bl-ispejjeż kontra l-

appellanti, ’il għaliex l-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal huma ekwi, leċiti u ġusti.

L-Awtorità appellata tgħid li t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li n-notifika lill-appellanti saret b’mod validu, u f’dan il-każ irriżulta li omm l-appellanta, Pauline Montanaro, minkejja li ma tgħix fl-istess appartament ma’ bintha u r-raġel tagħha, tgħix fl-istess blokka, u kemm-il darba taċċetta oġġetti postali f’isem bintha waqt li din tkun ix-xogħol. L-Awtorità appellata tgħid ukoll li mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, jirriżulta li kien hemm ammissjoni li minkejja li omm l-appellanta kienet ġabret din l-ittra mill-posta, hija kienet naqset li tgħaddiha lil bintha fil-ħin sabiex Diane Muscat u żewġha setgħu jintavolaw ir-rikors quddiem it-Tribunal fi żmien għoxrin (20) ġurnata. L-Awtorità appellata eċċepiet li n-notifika ta’ atti ġudizzjarji permezz tas-servizzi postali ġiet introdotta permezz tal-Avviż Legali 132 tal-1995, kif emendat bl-Avviż Legali 181 u 186 tal-2006, u kkonsolidati bħala l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.12. L-Awtorità appellata tgħid li permezz ta’ dawn l-atti ġudizzjarji, il-leġiżlatur iddelega n-notifika tal-atti ġudizzjarji lis-servizzi postali, għajr għal rikorsi ġuramentati, rikorsi kostituzzjonali u rikorsi tal-appell. L-Awtorità appellata tgħid li din il-liġi ma tispeċifikax x’għandu jsir meta l-uffiċjal postali ma jsib lil ħadd id-dar u allura japplikaw ir-regoli u l-prattika postali, għaliex m’hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi li att ġudizzjarju jiġi notifikat billi d-destinatarju jmur jiġbru personalment mill-uffiċċju postali. L-Awtorità appellata żiedet tgħid li l-ġbir ta’ atti ġudizzjarji mill-uffiċċji postali huwa parti

mill-proċess ta' notifika diretta, u m'hemm xejn li jiddistingwi bejn sitwazzjoni fejn il-ġbir isir mid-destinatarju nnifsu jew inkella mill-mandatarju tiegħu, li għandu jiġi meqjus bħala l-*lunga manu* tal-mandant. F'dan ir-rigward, l-Awtorità appellata żiedet tgħid li t-Tribunal kien korrett meta osserva li f'dan il-każ għandha tapplika l-ewwel parti tal-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 u ċioé li n-notifika tista' ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li għandha tiġi notifikata f'kull post fejn din tinstab (notifika diretta). L-appellata żiedet tgħid li anki jekk f'dan il-każ jirriżulta li l-uffiċċju postali marret omm l-appellanta, din kienet awtorizzata mill-appellanti biex tirtira l-att ġudizzjarju f'isimhom. L-Awtorità appellata spjegat li huwa paċifiku f'dan il-każ li l-ittri uffiċjali relattivi ġew indirizzati lill-appellanti fl-indirizz li jidher fuq il-karta tal-identità tagħhom, u għalhekk l-ittra uffiċjali ntbagħtet lilhom fl-indirizz korrett. Jirriżulta wkoll li meta l-uffiċjal postali pprova jagħmel din in-notifika, l-appellanti ma kinux id-dar u għalhekk ħalla avviż id-dar tagħhom sabiex dawn imorru jiġbru l-ittra reġistrata mill-uffiċċju tal-Posta. L-appellanta inkarigat lil ommha Pauline Montanaro biex tmur tiġbor din l-ittra f'isimha u f'isem żewġha, billi għadditilha kemm l-avviżi kif ukoll l-karti tal-identità tagħhom sabiex ommha tkun tista' tagħmel dan. Huwa paċifiku wkoll li l-ittri uffiċjali inkwistjoni nġabru minn Pauline Montanaro, u għalhekk ġiet reġistrata riferta pożittiva. L-Awtorità appellata tgħid li f'dan il-każ irriżulta li l-appellanti kienu jafu li hemm ittra reġistrata li ntbagħtet lilhom, u kien għalhekk li huma inkarigaw lil Pauline Montanaro tiġbor dan l-att f'isimhom. L-Awtorità appellata qalet ukoll li f'dan il-każ Carol Muscat ma setax jgħid li huwa qatt

m'awtorizza lil Pauline Montanaro tirtira l-ittra reġistrata indirizzata lilu, għaliex sabiex Pauline Montanaro setgħet tirtira l-ittra reġistrata, din kellha tippreżenta kemm l-avviż tal-Posta kif ukoll il-karta tal-identità tiegħu.

Dwar it-tieni aggravju mressaq mill-appellanti, l-Awtorità appellata tgħid li l-mertu tat-tieni aggravju huwa marbut mal-ewwel aggravju, għaliex hija kienet eċċepiet li t-Tribunal m'għandux kompetenza jieħu konjizzjoni tar-rikors imressaq mill-appellanti, ladarba l-oppożizzjoni tagħhom għal dak mitlub permezz tal-ittra uffiċjali mibgħuta lilhom ma ġietx imressqa fiż-żmien preskritt. L-Awtorità appellata tgħid li ladarba ġie stabbilit li l-azzjoni tentata mill-appellanti hija perenta, it-Tribunal kien ġuridikament prekluż milli jieħu konjizzjoni tagħha, u dan għaliex bin-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti tal-appellanti għat-talba tal-appellata fiż-żmien preskritt bil-liġi, l-Awtorità appellata kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront tagħhom.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-appell imressaq mill-appellanti, flimkien mar-risposta mogħtija mill-Awtorità appellata fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

*L-ewwel aggravju:* *nuqqas ta' notifika valida*

L-appellanti ressqu dan l-appell sabiex jikkontestaw il-mod kif saret in-notifika lilhom tal-ittra uffiċjali 3149/19 mibgħuta mill-Awtorità appellata, u li permezz tagħha huma ntalbu jiżgumbraw mill-*washroom* mibnija minnhom fuq il-bejt tal-blokka bini bin-numru 1, fi Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta. L-appellanti huma residenti f'wieħed mill-appartamenti f'din il-blokka, u minkejja li fis-sena 1992 kien ġie ffirmat konvenju bejnhom u l-Awtorità appellata għax-xiri ta' dan l-appartament, il-kuntratt finali għall-akkwist ta' dan l-appartament u tal-ishma indiviżi relattivi tal-partijiet komuni tal-blokka, baqa' ma ġiex iffirmat għax l-Awtorità appellata baqgħet ma saritx sid tal-art fejn kien mibni l-blokk. L-appellanti bnew il-*washroom* inkwistjoni wara li kisbu l-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar, iżda mingħajr ma kienu kisbu l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità tad-Djar, li hija l-Awtorità regolatorja li tieħu ħsieb blokok bħal dawn. Fl-ittra uffiċjali mibgħuta lill-appellanti, l-Awtorità appellata tathom żmien ta' għoxrin (20) ġurnata sabiex jiżgumbraw u jneħħu l-*washroom* mibnija minnhom fuq il-bejt tal-blokka, filwaqt li infurmathom li huma kellhom żmien ta' għoxrin (20) ġurnata sabiex jappellaw minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Jirriżulta li f'dan il-każ l-Awtorità appellata bagħtet l-ittra uffiċjali li riedet tinnotifika lill-appellanti permezz tal-posta reġistrata, u meta l-uffiċjal tal-Posta pprova jikkonsenja dan l-att ġudizzjarju lill-appellanti, għal xi raġuni dan ma sabhomx id-dar u għalhekk ħalla s-solitu avviż sabiex dawn imorru jiġbru l-ittra reġistrata mill-Posta. L-appellanta spjegat li f'ċirkostanzi simili, peress li tħobb tixtri ħafna affarijiet *online,* hija tagħti l-avviż tal-Posta lil ommha flimkien mal-karta tal-identità

tagħha, sabiex ommha tmur tiġbor l-oġġett postali mill-Posta għan-nom tagħha. L-appellanti jgħidu li anki jekk stess Diane Muscat tat mandat lil ommha, Carol Muscat ma ta l-ebda mandat bħal dan lil omm il-mara tiegħu, u għalhekk m'għandux jirriżulta li huwa ġie nnotifikat bl-ittra uffiċjali. Jirriżulta bl-aktar mod ċar li sabiex oġġett postali jew ittra reġistrata jkunu jistgħu jiġu irtirati mill-uffiċċju postali meta ma jitħallewx fir-residenza ta' dak li jkun, dan l-oġġett jew ittra reġistrata jistgħu jiġu rtirati biss bil-preżentata tal-avviż tal-Posta, flimkien mal-karta tal-identità tal-persuna, u għalhekk ma jistax ikun li Pauline Montanaro ma ngħatatx struzzjonijiet speċifiċi min Carol Muscat sabiex tkun tista' tirtira din l-ittra f'ismu. L-appellanti jgħidu li n-notifika lilhom kellha ssir strettament skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 187 tal-Kap. 12, imma l-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12 tgħid li atti ġudizzjarji[1] bħalma huma l-ittri uffiċjali li jridu jiġu notifikati lil persuni f'Malta, jistgħu jintbagħtu permezz tal-posta reġistrata.[2] L-appellanti jakkampaw mal-argument li f'dan il-każ Pauline Montanaro ma tistax titqies bħala mandatarja jew prokuratriċi tagħhom, għaliex skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 187(1) tal-Kap. 12, min jaġixxi bħala mandatarju irid ikun jgħix fl-istess indirizz tad-destinatarju jew inkella jkun jaħdem fl-istess post tax-xogħol tiegħu. Din il-linja ta' argumentazzjoni iżda ma ssib l-ebda sostenn quddiem iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, għaliex hawnhekk si tratta ta' att ġudizzjarju li seta' jiġi notifikat bl-

---

[1] Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12 tagħti definizzjoni ta' liema huma l-atti ġudizzjarji li jistgħu jiġu notifikati b'dan il-mod, "'att ġudizzjarju' tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-reġistru jew li toħroġ minn xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn xi Qorti, Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista' bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta ...".

[2] L-artikolu 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12 jipprovdi illi, "In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi impustata."

ispedizzjoni ta' posta reġistrata u bil-proċedura tal-irtirar ta' oġġetti minn uffiċċju postali, kif komunement magħruf minn kulħadd. Mill-provi jirriżulta li sabiex Pauline Montanaro marret fl-uffiċċju postali tiġbor l-ittri uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità appellata, hija ppreżentat l-avviż tal-Posta flimkien mal-karti tal-identità tal-appellanti. Mill-mument meta Pauline Montanaro ġabret dawn l-ittri f'isem l-appellanti, inħolqot preżunzjoni li l-ittra uffiċjali inkwistjoni ġiet notifikata lilhom b'mod validu. Huwa inverosimili dak li l-appellanti jgħidu li ġara minn dak il-punt 'il quddiem, jiġifieri li huma naqsu li jiġbru l-ittri mingħand Pauline Montanaro, meta din fil-fatt toqgħod f'appartament fl-istess blokk fejn joqogħdu huma, u għalhekk ċertament ma kellha l-ebda diffikultà sabiex tgħaddi l-ittri li ġabret lill-appellanti. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li Montanaro marret il-Posta u ġabret ittri reġistrati bil-kliem "Att Ġudizzjarju" fuq l-envelopp, u tħallihom ma' karti oħra, u ma tgħaddihomx lil bintha u lir-raġel tagħha. Huwa għalhekk li din il-Qorti qiegħda tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju: nuqqas ta' evalwazzjoni tat-tieni eċċezzjoni*

Il-Qorti tqis li t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-Awtorità appellata hija intrinsikament marbuta mal-ewwel eċċezzjoni tagħha. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità intimata qalet li r-rikors tal-appellanti, ir-rikorrenti quddiem it-Tribunal, huwa irritu u null stante li dan ġie ppreżentat wara l-għeluq ta' għoxrin (20) ġurnata min-notifika lilhom tal-ittra uffiċjali 3149/19, li permezz

tagħha ntalbu jiżgumbraw mill-kamra tal-bejt inkwistjoni. Fit-tieni eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità appellata saħqet li ladarba l-ittra uffiċjali mibgħuta minnha ma ġietx ikkontestata fit-terminu stabbilit mil-liġi, din ġiet reża eżekuttiva, u għalhekk it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva m'għandux il-kompetenza jkompli jieħu konjizzjoni tar-rikors imressaq mill-appellanti, sabiex iħassar, jirrevoka, u jikkanċella l-ordni ta' żgumbrament. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni ta' din l-eċċezzjoni fid-deċiżjoni mogħtija minnu.

Il-Qorti tqis li ladarba t-Tribunal iddeċieda li n-notifika lill-appellanti, ir-rikorrenti quddiem it-Tribunal, kienet saret b'mod validu, il-konsegwenza ta' dik id-deċiżjoni kienet li l-ordni ta' żgumbrament ġiet reża eżekuttiva, u għalhekk it-Tribunal ma kienx għad baqagħlu kompetenza li jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-appellanti. Ladarba ġie deċiż li r-rikors li l-appellanti ressqu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tressaq *fuori termine,* it-Tribunal ma setax jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tar-rikors, u għalhekk korrettement iddeċieda li l-azzjoni tentata mill-appellanti, ir-rikorrenti quddiem it-Tribunal, kienet ġuridikament perenta, bl-Awtorità intimata tikseb għalhekk titolu eżekuttiv sabiex tkun tista' tipproċedi bl-iżgumbrament tal-appellanti mill-*washroom* inkwistjoni. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tieni aggravju tal-appellanti ukoll mhux ġustifikat u għalhekk qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-appellanti billi tiċħad l-aggravji mressqa minnhom, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza appellata u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**